# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 27/89G1(PC)

**Giovanna U Giuseppa ahwa xebbiet Sultana, u b'degriet tal-15 ta' Frar, 1995 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Giovanna Sultana minflok Giuseppa Sultana li mietet fil-mori tal-kawza .**

**vs**

**Salvu Sciberras .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha, l-atturi, wara li ppremettew illi:**

**Huma jippossiedu l-art msejha "Tal-Fellies" fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex u liema art hija tal-kejl ta' circa erbat itmiem u nofs u liema raba jinsab mqabbel ghandhom minghand il-familja Bondi` .**

**Illi l-atturi xi zmien ilu u dana circa erba' snin ilu cedew porzjon mill-istess araba lill-konvenut .**

**Illi l-konvenut minghajr permess u kontra r-rieda espressa tal-atturi fl-ewwel ta' Marzu tal-elf disa' mija disgha u tmenin (1989) qabad u dahl fl-istess raba li tinsab fil-pussess tal-atturi u wara li ghadda mill-parti mahduma u harat ic-cikkarda u l-ful li kien hemm misrugh fil-parti li minnha l-istess konvenut ghadda u fetah passagg, u b'hekk qed jispolja lill-atturi peress li qed jipprova jezercita dritt li ma ghandux izda li jippretendi li ghandu fuq l-istess art li tinsab fil-pussess tal-atturi .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara li l-konvenut meta ghadda l-fuq imsemmija raba u qalgha dak li kien hemm mizrugh u cioe' cikkarda u ful, huwa ikkommetta spoll fil-konfront tal-atturi;**

**2. Tikkundanna lill-konvenut jerga' jpoggi kollox fl-istat pristinu tieghu halli b'hekk jispurga l-istess spoll ;**

**3. Fin-nuqqas tawtorizza l-atturi sabiex jpoggu kollox fl-istat pristinu tieghu u dana a spejjez interament tal-konvenut .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-tnejn ta' Marzu tal-elf disa' mija disgha u tmenin, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Giovanna Sultana .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi :**

**1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-konvenut ma ikkommetta ebda spoll fil-konfront tal-atturi u kwalunkwe art li qeghda tintuza jew tinhadem mill-konvenut tinsab validament imqabbla ghandu .**

**2. Illi jekk kien hemm xi hadd li kkommetta xi spoll kienu l-atturi meta ppruvaw jahartu l-passagg li minnu l-konvenut ilu jghaddi ghal diversi snin u cioe' minn meta l-atturi cedew lilu l-qbiela tal-art "Tal-Fellies" .**

**3. Illi fi kwalunkwe kaz din ic-citazzjoni hija irrita u nulla billi wara l-allegat spoll l-atturi regghu ppruvaw inutilment jiehdu l-pussess billi regghu hartu u zerghu din l-art .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat il-verbal tal-partijiet maghmul waqt is-seduta peritali tat-12 ta' Awissu 1991 fejn qablu li l-provi migbura fil-kawza konnessa citaz. 145/1988 fl-ismijiet inversi, kellhom jghoddu ghal din il-kawza wkoll .**

**Rat l-atti processwali kollha ta' dik il-kawza .**

**Rat l-atti l-ohra kollha .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza hija wahda ta' spoll . Hija gurisprudenza kostanti illi sabiex tirnexxi kawza bhal din iridu jissussistu tliet elementi, u cioe :**
**(i) "possedisse": li l-attur kellu l-pussess tal-haga spoljata qabel ma gie mcahhad minnha ;**
**(ii) "spoliatum fuisse": il-fatt attwali ta' li spoll, u cioe' li gie mnezza mill-pussess ; u**

**(iii) "infra bimestre deduxisse": li l-kawza tkun saret fi zmien xahrejn mill-allegat spoll ;**

**Il-fatti li taw lok ghall-kawza prezenti fil-qosor, huma s-segwenti :**

**Ghall-habta tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin (1986), l-atturi billi ma kienux ghadhom jifilhu jahdmu r-raba kollu li kellhom f'idejhom, waslu fi ftehim mal-konvenut sabiex icedulu parti sostanzjali mir-raba in kwistjoni li huma kienu jipposjedu bi qbiela minghand il-familja Bondi' . Din ic-cessjoni giet rikonoxxuta direttament minn Mario Corrieri, f'isem il-familja Bondi' fit-23 ta' Awissu 1987 meta irrilaxxja ircevuta lill-konvenut dwar dik il-parti mir-raba li kienet giet ceduta lilu mill-atturi . In segwitu ghal dik l-iskrittura inqala' l-inkwiet bejn il-kontendenti ghaliex il-konvenut beda jivvanta pretensjoni li seta' jghaddi bil-vettura u bl-ingenji minn go nofs ir-raba li kienu zammew ghalihom l-atturi, biex jaccedi ghall-parti li kien ha ghalieh, mentri l-atturi dan qatt ma acccettawh u insistew illi l-konvenut kellu jghaddi biss mill-istess passagg fuq in-naha tal-punent ta' l-ghalqa taghhom, kif minn dejjem kienu jaghmlu huma .**

**Dan in-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, wassal ghal sensiela ta' proceduri legali bejniethom, inkluza l-kawza prezenti, bil-konvenut jippersisti li jghaddi bil-vettura minn go nofs ir-raba ta' l-atturi u jharbtilhom il-wicc li kien ikollhom, u l-atturi jergghu jghazqu u jizerghu il-passagg li jkun fetah il-konvenut . Fi kliem l-attrici Giovanna Sultana stess :**

***"…. Salvu Sciberras dahalli ta' l-inqas tlett (3) darbiet fl-ghalqa tieghi . L-ewwel darba li niftakar li Salvu Sciberras dahalli fir-raba tieghi kien fis-sittax ta' Gunju ta' l-elf disa'mija sebgha u tmenin (16/6/87) ….. Salvu Sciberras kien rega' dahal fir-raba tieghi fit-tnax ta' Frar tas-sena elf disa' mija disgha u tmenin (12/2/89) . Dakinhar kien ghamilli hafna hsara fir-raba tieghi u jiena kont irrapportajtu lill-pulizija …. Sciberras rega' ghadda minn fuq ir-raba taghna fit-tnejn ta' Marzu ta' l-elf disa' mija disgha u tmenin (2/3/89) meta konna qeghdin nahdmu l-ghalqa taghna …. ".***

**Imma mbaghad in kontro-ezami l-attrici ammettiet illi :**

***"… Sciberras mal-ewwel ippretenda li kellu dritt jidhol bil-landrover fir-raba li kont wellejtlu . Ghalhekk huwa minnu illi Sciberras dahal fis-sena elf disa' mija hamsa u tmenin (1985) bil-landrover fir-raba li kont wellejtlu …… wara li kien jidhol bil-landrover ahna konna nergghu nizirghu r-raba u bqajna sejrin hekk, u cioe' hu jerga' jidhol fir-raba u ahna nerghu nizirghuha … .Sciberras kien jghaddi hafna drabi minn din ir-raba u ghalhekk dahal ukoll anke f'okkazjonijiet ohra barra dawn it-tlett (3) dati li jiena semmejt fix-xhieda tieghi, pero' jiena ma kontx inmur fejn l-avukat biex nirrapporta kull darba li kien jidhol fir-raba . Anzi nghid li kien jghaddi kuljum tiela' u niezel go fiha . Xita u mhux kien tiela' u niezel*"(ara deposizzjoni ta' l-attrici tas-16 ta' Novembru 1995 a fol. 70 – 72 tal-process tal-kawza citaz. 145/1988 fuq imsemmija) .**

**Il-kawza prezenti kienet giet intavolata fl-10 ta' Marzu 1989 u ghalkemm l-attrici ftakret illi l-konvenut kien dahlilha fit-12 ta' Frar 1989, u ghalhekk inqas minn xahrejn qabel ma pprezentat il-kawza, in vista ta' din id-deposizzjoni taghha stess, ma jistghax jinghad fic-cert illi l-atturi dakinhar kellhom il-pussess attwali ta' dik il-parti tar-raba taghhom li l-konvenut kien fetah bhala passagg ghalieh biex jghaddi bil-vettura tieghu . Fi kliem l-istess attrici Giovanna Sultana, il-konvenut kien diehel u hiereg minn go r-raba taghhom . Meta kienu jindunaw bih kienu jiehdu passi legali kontra tieghu, imma certament li kien hemm hafna drabi ohra li ma ghamlu xejn, u dan tammettieh l-istess attrici . Billi wkoll dawn il-hwejjeg kienu qed jigru ripetutament, lanqas jista' jinghad fic-cert jekk l-ispoll kienx sar f'dik id-data imsemmija mill-attrici, u mhux qabel jew wara . Hekk ukoll kif tajjeb jghid il-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu u kif ammess mill-istess attrici, kwalunkwe spoll li seta' kien ikun ghamel il-konvenut, kien jigi rimedjat mal-ewwel mill-atturi stess, billi kienu jergghu jghazqu u jizirghu il-parti mill-ghalqa taghhom li l-konveut ikun harbtilhom .**

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi ma giex ippruvat sufficjentement illi meta saret il-kawza prezenti kienu jezistu l-elementi fuq imsemmija rikjesti mill-ligi sabiex tirnexxi kawza simili .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S2789Pc